**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net

**IL-ĦADD, 7.8.11: ID-DSATAX-IL ĦADD TAS-SENA.**

## SUTTANA TAL-BEATU GWANNI PAWLU II PAPA.

Illum, l-Ħadd, 7 ta' Awwissu hija l-aħħar ġurnata li se jkollna fostna s-Suttana tal-Beatu Gwanni Pawlu II. Din se tkun fil-knisja għad-devozzjoni tagħna.

**L-ERBGĦA, 10.8.11: FESTA TA' SAN LAWRENZ DJAKNU MARTRI.**

**IL-ĦAMIS, 11.8.11:** Kull nhar ta' Ħamis wara l-quddiesa ta' fil-għaxija ikun hawn ftit ħin ta' adorazzjoni komunitarja. Nistieden lil kulħadd biex jingħaqad magħna f'dawn il-mumenti ta' mistrieħ quddiem Ġesu Sagramentat u nagħmlu it-Talba ta' Għeluq il-Jum.

**Fis-7.45p.m. LAQGĦA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

Se tiġi organizzata laqgħa għaż-Żgħażagħ kollha fiċ-Ċentru Parrokkjali. Se jkollna fostna wkoll is-Seminarista l-ġdid li se jgħin fil-parroċċa tagħna fis-sentejn li ġejjin, minflok is-Seminarista Joseph Attard, li se jmur l-Amerika għas-sena barra mis-seminarju.
Nibdew bil-quddiesa tas-7.00p.m. fil-knisja.

**IL-ĦADD, 14.8.11: LEJLIET IS-SOLENNITA' TAT-TLUGĦ TA' MARIJA SANTISSIMA FIS-SEMA.**

## VELJA TAL—GĦID TAL-ASSUNTA

Illum il-Ħadd, se ssir bħas-soltu il-Velja tal-Għid tal-Assunta, fuq iz-zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu.
Tibda fit-**8.00p.m.**
Ikun hemm quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech Isqof ta' Gaħwdex.

## IS-SORIJIET KLARISSI F'GĦAWDEX

F'dan ix-xahar ta' Awwissu, Għawdex se jkollu għall-ewwel darba Monasteru tas-Sorijiet tal-Klawsura, bil-miġja fostna tas-Sorijiet Klarissi.

Il-Monasteru tagħhom se jkun fid-dar qrib id-Dar tal-Irtiri, Manresa.

Il-programm ta' din l-okkażjoni se jitħabbar iktar 'il quddiem.

Nitolbu għalihom u anke biex ikomplu dejjem iktar jitkattru l-vokazzjonijiet għall-ħajja reliġjuża.

## GĦOTI TAD-DEMM.

Nhar il-Ħadd 14 ta' Awwissu ċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex ser ikun miftuħ għal min jixtieq jagħti d-demm. Il-ħin ser ikun mit-8:30am sas-1:00pm.
Il-pubbliku hu mħeġġeġ ikompli jagħti s-sapport, biex dejjem tkun tista' tiġi affaċċjata d-domanda qawwija għad-demm. Min imur jieħu miegħu il-Karta tal-Identita'.

## GRUPP TA' TALB

Waqt il-quddiesa fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-mewt ta' Dun Mikiel Attard, nhar it-Tlieta, Mons. Isqof ħabbar li bi tħejjija għall-proċess tal-Beatifikazzjoni tiegħu, twaqqaf grupp ta' Talb bl-Isem "Dun Mikiel Attard" Il-laqgħat se jsiru kull nhar l-Ewwel Ħamis, fil-knisja ta' Ħamet bejn is-7.30p.m. u it-8.30p.m.
Fos-7.00p.m. ikun hemm quddiesa fl-istess knisja.
Kulħadd jista jattendi

## IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI

Matul il-ġranet tas-sajf iċ-Ċentru qed ikun miftuħ nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt fil-għaxija.